

Brussell, 16 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11800/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0234(NLE)

TRANS 528
MAR 152

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 394 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards tan-navigazzjoni interna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 394 final.

Mehmuż: COM(2022) 394 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.8.2022
COM(2022) 394 final

2022/0234 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards tan-navigazzjoni interna

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-Tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) tat-13 ta' Ottubru 2022 u waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) tat-8 ta' Diċembru 2022 b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-Istandards Ewropej li jistabbilixxu Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2023/1) u l-Istandard Ewropew tas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2023/1).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Is-CCNR u s-CESNI

Il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Erba' Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma partijiet għas-CCNR.

Il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, iffirmata fis-17 ta' Ottubru 1868 f'Mannheim tiddefinixxi l-qafas ġuridiku li jirregola l-użu tar-Renu bħala passaġġ fuq l-ilma intern għan-navigazzjoni u tistabbilixxi l-attribuzzjonijiet tas-CCNR. Il-Konvenzjoni li hija attwalment applikabbli kienet ir-riżultat ta' Konvenzjoni li temenda l-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, adottata fl-20 ta' Novembru 1963, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967. Il-laqgħat plenarji jsiru darbtejn fis-sena. Għalihom jattendu rappreżentanti tal-Istati Membri tas-CCNR. Il-laqgħa plenarja hija l-korp deċiżjonali tas-CCNR. Din tadotta r-riżoluzzjonijiet tal-Kummissjoni Ċentrali. Kull Stat għandu vot wieħed, u d-deċiżjonijiet isiru b'mod unanimu. Dawn ir-riżoluzzjonijiet huma legalment vinkolanti. L-UE ma hijiex membru tas-CCNR.

Fl-2015, is-CCNR adottat riżoluzzjoni li tistabbilixxi kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards komuni fin-navigazzjoni interna (Comité Européen pour l'Élaboration de Standards dans le Domaine de Navigation Intérieure – CESNI). Il-missjoni tiegħu tinkludi l-adozzjoni ta' standards tekniċi f'oqsma diversi, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn l-istandards u tal-proċeduri korrispondenti kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent jew oqsma oħrajn tan-navigazzjoni.

Is-CESNI huwa magħmul minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri tas-CCNR u tal-UE li għandhom dritt jivvotaw abbażi ta' vot wieħed għal kull Stat. L-UE ma hijiex membru tas-CESNI. Madankollu, tista' tipparteċipa fil-ħidma tas-CESNI, flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom tkopri l-oqsma kkonċernati mis-CESNI, iżda mingħajr drittijiet tal-vot.

2.2. L-atti previsti tas-CESNI u s-CCNR

Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2022, is-CESNI għandu jadotta edizzjoni ġdida tal-Istandards Ewropej li jistabbilixxu Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2023/1) u edizzjoni ġdida tal-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2023/1).

ES-TRIN

L-ewwel verżjoni tal-ES-TRIN (ES-TRIN 2015/1) ġiet iffinalizzata mis-CESNI fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2015. Din ġiet formalment adottata mil-laqgħa Plenarja tas-CESNI fis-26 ta' Novembru 2015. L-emendi tal-ES-TRIN li ġejjin ġew adottati mis-CESNI:

1. L-istandard ES-TRIN 2017/1 fis-6 ta' Lulju 2017
2. L-istandard ES-TRIN 2019/1 fit-8 ta' Novembru 2018
3. L-istandard ES-TRIN 2021/1 fit-13 ta' Ottubru 2020

L-ES-TRIN jiġi aġġornat regolarment filwaqt li jitqies ix-xogħol tal-gruppi ta' ħidma tas-CESNI.

L-aġġornament regolari tal-ES TRIN huwa mehtiegħ sabiex:

- jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna
- tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika (eż. is-sistemi tat-tifi tan-nar, it-tagħmir tan-navigazzjoni)
- tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-qafas ġuridiku tal-UE.

Matul l-2021 u l-2022, l-esperti tas-CESNI ħejjew edizzjoni ġdida tal-ES-TRIN 2023/1.

L-ES-TRIN 2023/1 jinkorpora emendi varji, b'mod partikolari li jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin:

- Fjuwils b'punt ta' fjamabbiltà baxxa u ċelluli tal-fjuwil,
- Ġkieket tas-salvataġġ,
- Sistemi ta' postrattament,
- Ġbir tal-ilma mormi,
- Sistemi tat-tifi tan-nar installati b'mod permanenti għall-protezzjoni tal-oġġetti,
- Bastimenti tal-passiġġieri,
- Inġenji ta' rikreazzjoni,
- Magni tal-propulsjoni elettrika fuq wara tal-paratija tal-gavun tal-poppa,
- Tiswija ta' magni fis-servizz,
- Kmamar tat-tmunier li jistgħu jitreġġgħu lura,
- Installazzjonijiet tan-navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran,
- Aġġornament tar-referenzi għall-ES-RIS 2023/1,
- Ankri speċjali b'massa mnaqqsa.

Waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' April 2022, is-CESNI ddeċieda li jiskeda l-adozzjoni tal-istandard ES-TRIN 2023/1 fil-laqgħa tat-13 ta' Ottubru 2022. Qabel din il-laqgħa tat-13 ta' Ottubru 2022, huwa mistenni li jsir biss xi tibdil formali u żgħir fl-abbozz tal-istandard. L-istandard ES-TRIN 2023/1 se jiġi ppubblikat permezz ta' sit web apposta (cesni.eu). L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom aċċess (protett) għall-abbozzi tal-istandards imsemmija hawn fuq.

F'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE¹, l-istandard ES-TRIN 2023/1 se jiġi inkorporat fid-dritt tal-UE.

Ir-referenzi għall-istandard adottati mis-CESNI huma inklużi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Skont l-Artikolu 31(1) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tadatta l-Anness II sabiex tagħgħorna, mingħajr dewmien żejjed, ir-

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p 118).

referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u sabiex tistabbilixxi d-data ta' applikazzjoni tiegħu.

Is-CCNR se tadotta riżoluzzjoni li temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-istandard ES-TRIN 2023/1.

Huwa meħtieġ li jiġu pprovduti l-istess standards sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ reġimi ġuridiċi eżistenti għar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna (is-CCNR u l-UE). Kemm id-dritt tal-UE kif ukoll ir-Regolamenti tas-CCNR se jirreferu għall-istandard ES-TRIN 2023/1 mill-1 ta' Jannar 2024.

ES-RIS

L-ewwel verżjoni tal-ES-RIS (ES-RIS, Edizzjoni 2021/1) ġiet adottata formalment mil-laqgħa Plenarja tas-CESNI fil-15 ta' April 2021, u tkopri l-istandards tekniċi li ġejjin għall-RIS:

- Parti I: Sistema elettronika standard ta' viżwalizzazzjoni ta' mapep u ta' informazzjoni għan-navigazzjoni interna
- Parti II: Trekkjar u traċċar tal-bastimenti standard għan-navigazzjoni interna
- Parti III: Rekwiżiti operazzjonali u tal-prestazzjoni tat-tagħmir tan-navigazzjoni interna AIS ta' fuq il-vapur, metodi ta' ttestjar u riżultati tat-testijiet meħtieġa (Standard Normattiv tan-Navigazzjoni Interna AIS)
- Parti IV: Rapportaġġ elettroniku standard tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna
- Parti V: Avvizi standard lill-kaptani

L-ES-RIS jiġi aġġornat regolarment filwaqt li jitqies ix-xogħol tal-gruppi ta' ħidma tas-CESNI. L-aġġornamenti regolari tal-ES-RIS huma meħtieġa sabiex:

- jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna,
- tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika,
- tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-qafas ġuridiku tal-UE u mar-rekwiżiti internazzjonali.

Matul l-2021 u l-2022, l-esperti tas-CESNI ħejjew l-edizzjoni l-ġdida tal-ES-RIS 2023/1. Sar diversi titjib editorjali bħala riżultat tal-proċess tat-traduzzjoni u tal-qari tal-provi mill-gruppi ta' ħidma. L-ES-RIS 2023/1 għadda wkoll minn bidliet fl-ifformattjar bi standardizzazzjoni tat-tqassim, tal-istruttura ġenerali u tal-annessi tiegħu. In-numerazzjoni tal-artikoli, tal-kapitoli, tat-tabelli, tad-dijagrammi u taċ-ċarts ġiet riveduta. Dan jinkorpora diversi titjib fil-konsistenza interna u l-koerenza tiegħu bejn il-partijiet differenti tal-istandard. Dan irriżulta fi struttura kumplessiva aġġornata tal-ES-RIS:

- Parti I: Sistema elettronika ta' viżwalizzazzjoni ta' mapep u ta' informazzjoni għan-navigazzjoni interna (ECDIS Interna)
- Parti II: Trekkjar u traċċar tal-bastimenti għan-navigazzjoni interna
- Parti III: Avvizi lill-kaptani
- Parti IV: Rapportaġġ elettroniku tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna
- Parti V: Rekwiżiti operazzjonali u tal-prestazzjoni tal-ECDIS Interna, metodi ta' ttestjar u riżultati tat-testijiet meħtieġa (parti tat-test tal-ECDIS Interna)

Parti VI: Rekwiżiti operazzjonali u tal-prestazzjoni tat-tagħmir tal-AIS Interna ta' fuq il-vapur, metodi ta' ttestjar u riżultati tat-testijiet meħtieġa (parti mit-test tal-AIS Interna)

Waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' April 2022, is-CESNI ddeċieda li jiskeda l-adozzjoni tal-ES-RIS 2023/1 fil-laqgħa tat-13 ta' Ottubru 2022. Qabel din il-laqgħa tat-13 ta' Ottubru 2022, huwa mistenni li jsir biss xi tibdil żgħir fl-abbozz tal-istandard. L-ES-RIS 2023/1 se jiġi ppubblikat permezz ta' sit web apposta (cesni.eu). L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom aċċess (protett) għall-abbozzi tal-istandards imsemmija hawn fuq.

F'konformità mad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi armonizzati tal-informazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità², l-ES-RIS 2023/1 se jiġi inkorporat fit-dritt tal-UE. Dan se jiġi allinjat mar-reviżjoni li għaddejja bħalissa tad-Direttiva 2005/44/KE, b'adozzjoni prevista f'nofs l-2023.

Is-CCNR se tadotta riżoluzzjoni li temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-RIS 2023/1.

Peress li l-ES-TRIN 2023/1 fih referenzi għall-ES-RIS 2023/1, huwa importanti li ż-żewġ standards jiġu adottati mis-CESNI fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2022.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa peress li l-atti li għandhom jiġu adottati għandhom effetti ġuridiċi għall-finijiet tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE u b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt tagħhom fuq qasam tal-leġislazzjoni tal-UE li huwa soġġett għall-kompetenza esklużiva tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

L-aġġornamenti tal-istandards tekniċi ES-TRIN u ES-RIS kienu s-suġġett ta' thejjiġa intensiva fil-livell tal-esperti tas-CESNI. F'dan ir-rigward ġew ikkonsultati firxa kbira ta' esperti mis-settur pubbliku u minn dak privat. Matul l-iżvilupp tal-istandard fil-livell tas-CESNI saru dawn il-laqgħat tekniċi li ġejjin:

- laqgħat tal-grupp ta' ħidma tas-CESNI/PT (23-24.6.2020, 22-23.09.2020, 17-18.11.2020, 2-3.03.2021, 23-24.6.2022, 16-17.11.2021 u 22-23.2.2022) u tas-CESNI/TI (28.06-02.07.2021, 08-10.09.2021, 14-17.12.2021, 09-10.03.2022)
- Laqgħa tal-kumitat (13.4.2022).

Dawn il-laqgħat ippermettew li jintlaħaq ftehim fil-livell ta' esperti dwar l-istandards fin-navigazzjoni interna.

Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni hija li tadotta l-ES-TRIN 2023/1 u l-ES-RIS 2023/1 peress li dawn jiffaċilitaw l-oġġla livell ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna, isegwu l-evoluzzjoni teknika f'dan is-settur u jiżguraw il-kompatibbiltà tar-rekwiżiti għall-bastimenti u l-kompatibbiltà tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar fl-Ewropa.

² Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p 152).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew parti għall-ftehim³.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti ġuridiċi*” jinkludi atti li għandhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti fl-ambitu tad-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”⁴.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Kemm is-CESNI kif ukoll is-CCNR huma korpi stabbiliti skont ftehim internazzjonali, jiġifieri l-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (il-Konvenzjoni ta’ Mannheim)⁵.

Għalkemm ir-regoli adottati mis-CESNI ma humiex vinkolanti fihom innifishom, dawn isiru vinkolanti għall-membri tas-CCNR ladarba s-CCNR timmodifika l-qafas leġiżlattiv tagħha (ir-regolamenti għall-ispezzjoni tal-bastimenti fuq ir-Renu, ir-regolament tal-pulizija tar-Renu) b’referenza għall-istandards adottati mis-CESNI u li b’hekk dawn l-istandards isiru mandatorji fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu. Fil-fatt, il-karattru vinkolanti ta’ tali Regolament fost il-Membri tas-CCNR huwa stabbilit fil-Konvenzjoni ta’ Mannheim.

F’konformità mal-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta’ Mannheim, is-CCNR għandha s-setgħa li tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi vinkolanti għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Ir-Riżoluzzjoni li għandha tiġi adottata mis-CCNR li se temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-TRIN 2023/1 se tkun att legalment vinkolanti fir-rigward tal-Partijiet għas-CCNR.

Min-naħa l-oħra u f’konformità mal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta’ Mannheim, is-CCNR tista’ timmodifika l-qafas regolatorju tagħha relatat mas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar (“RIS”) sabiex tallinja l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-RIS mal-ES-RIS 2023/1. Ir-Riżoluzzjoni li għandha tiġi adottata mis-CCNR li se temenda r-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-RIS 2023/1 se tkun att legalment vinkolanti fir-rigward tal-Partijiet għas-CCNR. Madanakollu, ma hijiex se tissupplimenta jew temenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta’ Mannheim.

Għalhekk, l-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikoli 1 u 22 tal-Konvenzjoni ta’ Mannheim.

³ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punt 64.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

⁵ Il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta’ Ottubru 1868, kif emendata fl-20 ta’ Novembru 1963.

Barra minn hekk, l-ES-TRIN 2023/1 u l-ES-RIS 2023/1 huma atti li għandhom effetti legali għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE peress li jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri: Id-Direttiva (UE) 2016/1629 u d-Direttiva 2005/44/KE.

Fir-rigward tal-ES-TRIN, dan huwa minħabba li l-qafas applikabbli skont il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu jrid jitqies għal kwalunkwe emenda għad-Direttiva (UE) 2016/1629 u minħabba li l-istandards tekniċi adottati mis-CESNI huma inklużi fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 u jridu jiġu aġġornati permezz ta' atti delegati.

Fir-rigward tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta linji gwida tekniċi u speċifikazzjonijiet tekniċi sabiex l-RIS ikunu appoġġati u sabiex tkun żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn is-servizzi. Il-premessa 3 tad-Direttiva tiddikjara li għal raġunijiet ta' sikurezza u fl-interess tal-armonizzazzjoni pan-Ewropea, il-kontenut ta' tali rekwiżiti komuni u speċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jibni fuq xogħol imwettaq f'dan il-kamp minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari bħall-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE). L-ES-RIS 2023/1 se jkun fih speċifikazzjonijiet tekniċi li jeħtieġ li jiġu adottati fil-qafas tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE. Dan il-proċess ta' adozzjoni se jiġi allinjat mar-reviżjoni tad-Direttiva 2005/44/KE li għaddejja bħalissa, b'adozzjoni prevista f'nofs l-2023.

Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CESNI u s-CCNR għall-adozzjoni tal-istandards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna u l-istandards dwar servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar armonizzati.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettiv u l-kontenut ewlieni tal-att previst huma relatati ma' politika tat-trasport komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 91(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 91(1) tat-TFEU flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards tan-navigazzjoni interna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta' Ottubru 1868, emendata mill-Konvenzjoni li temenda l-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, adottata fl-20 ta' Novembru 1963, daħlet fis-seħħ fl-14 ta' April 1967 (il-“Konvenzjoni”).
- (2) Skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (“CCNR”) tista' tadotta rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.
- (3) Skont il-Konvenzjoni, is-CCNR tista' timmodifika l-qafas regolatorju tagħha relatat mas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar (“RIS”) billi tirreferi għall-istandards adottati mill-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (“CESNI”) u tagħmel dawk l-istandards obligatorji fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni.
- (4) Is-CESNI nħoloq fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tas-CCNR sabiex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.
- (5) Jenħtieġ li l-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna jkollha l-għan li tiżgura l-uniformità fl-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi u speċifikazzjonijiet applikati fl-Unjoni, partikolarment fir-rigward ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-RIS.
- (6) Għal skopijiet ta' trasport effiċjenti u ta' navigazzjoni sikura fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni, huwa importanti li r-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti u l-RIS ikunu kompatibbli u kemm jista' jkun armonizzati skont reġimi ġuridiċi differenti fl-Ewropa. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri tal-UE li huma wkoll membri tas-CCNR jappoġġaw id-deċiżjonijiet li jarmonizzaw ir-regoli tas-CCNR ma' dawk applikati fl-Unjoni.
- (7) Is-CESNI, fil-laqgħa li jmiss tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2022, huwa mistenni li jadotta l-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-

Navigazzjonijiet Interni 2023/1 (“ES-TRIN 2023/1”) u l-Istandard Ewropew għas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar 2023/1 (“ES-RIS 2023/1”).

- (8) L-ES-TRIN 2023/1 jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħal bastimenti tal-passiġġieri, konvojs imbuttati u bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet fir-rigward ta' tagħmir tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika, dispożizzjonijiet fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-bastiment, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżizzjonali kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-istandard tekniku.
- (9) L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jirreferi għar-rekwiżiti tekniċi għall-inġenji bħala dawk mogħtija fl-ES-TRIN 2021/1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa taġġorna din ir-referenza fl-Anness II għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tagħha. Għalhekk, l-ES-TRIN 2023/1 se jaffettwa d-Direttiva (UE) 2016/1629.
- (10) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil tal-istandards fin-navigazzjoni interna (“CESNI”), minħabba li l-istandard ES-TRIN 2023/1 se jkun kapaċi jinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (11) L-ES-RIS 2023/1 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet u standards tekniċi uniformi sabiex jappoġġa l-RIS u jiżgura l-interoperabbiltà tagħhom. L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi taħt l-ES-RIS 2023/1 jikkorrispondu għall-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi li għalihom l-adozzjoni hija meħtieġa mid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin: sistema elettronika ta' viżwalizzazzjoni ta' mapep u ta' informazzjoni għan-navigazzjoni interna; rapportaġġ elettroniku tal-bastimenti; avviżi lill-kaptani; sistemi ta' trekkjar u traċċar tal-bastimenti u kompatibbiltà tat-tagħmir meħtieġ għall-użu tal-RIS.
- (12) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-RIS huma bbażati fuq il-prinċipji tekniċi stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2005/44/KE u jieħdu kont tal-ħidma mwettqa f'dan il-qasam mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.
- (13) Jixraq għalhekk li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CESNI, peress li l-ES-RIS 2023/1 se jkun jista' jinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti adottati fil-qafas tad-Direttiva 2005/44/KE.
- (14) Is-CCNR, fis-sessjoni plenarja li ġejja, hija mistennija tadotta riżoluzzjonijiet li jemendaw ir-Regolamenti tas-CCNR sabiex jinkludu referenza għall-ES-TRIN 2023/1 u l-ES-RIS 2023/1. Tali emenda se tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 1 u 22 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, jixraq ukoll li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CCNR.

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p 118).

² Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p 152).

- (15) L-Unjoni la hija membru tas-CCNR u lanqas tas-CESNI. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri ta' dawk l-entitajiet, li jaġixxu b'mod konġunt.
- (16) Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni hija li tadotta l-ES-TRIN 2023/1 u l-ES-RIS 2023/1 peress li dawn jiffaċilitaw l-oġġettiv ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna, isegwu l-evoluzzjoni teknika f'dan is-settur u jiżguraw il-kompatibbiltà tar-rekwiżiti għall-bastimenti u l-kompatibbiltà tas-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar fl-Ewropa.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CESNI fir-rigward tal-adozzjoni tal-ES-TRIN 2023/1 u l-ES-RIS 2023/1 għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tagħhom.
2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CCNR għandha tkun li jiġu appoġġati l-proposti kollha li jallinjaw ir-Regolamenti tas-CCNR mal-ES-TRIN 2023/1 u l-ES-RIS 2023/1.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CESNI, li jaġixxu b'mod konġunt.
2. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tas-CCNR, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr Deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*